MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 507/2014

***High Spirits Limited***

**(C – 24667)**

**vs**

**Victor Chetcuti**

**(K.I. 458747 M)**

**u**

**Rosaline sive Rose Chetcuti**

**(K.I. 371147)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 ta’ Gunju, 2014, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi l-intimati huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf tlett mija u tnax -il Ewro u dsatax –il-centezmu, (€28,312.19), bilanc ta’ prezz t’oggetti tat-tabakk lilhom mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` rikorrenti minn Awwissu, 2013;

1.2. Illi l-intimati hargu tlett (3) cekkijiet ghall-hlas tad-debitu *de quo* li lkoll gew *“referred to drawer”*, (ara foll 30);

1.3. Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u skadut u l-intimati m’ghandhom l-ebda eccezzjoni valida x’jissollevaw;

1.4. Illi is-socjeta` rikorrenti interpellat lill-intimati biex ihallsu l-ammont minnhom dovut izda baqghu inadempjenti;

1.5. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex in vista tal-premess:

1.5.1. Tipprocedi ghas-sentenza a bazi tat-talba tas-socjeta` rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh tar-rikors *ai termini* tal-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont ta’ tmienja u ghoxrin elf, tlett mija u tnax il-Ewro u dsatax -il centezmu, (€28,312.19), oltre l-imghax legali dovut mill-31 t’Awwissu, 2013, bilanc ghall-

prezz ta' kunsinni ta' tabakk debitament mibjugh u kkonsenjat lill-istess intimati mis-socjeta` rikorrenti;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess intimati;

2. Ezaminat id-dokumenti esebiti:

3. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti ghal dak li ghandu x'jaqsam mall-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 fuq riferiti;

4. Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta` rikorrenti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6. Illi x-xhud fuq riferit ikkonfermat mill-gdid l-*iter* fattwali li ta` lok ghall-kawza odjerna;

7. Illi l-intimati m'ghandhom l-ebda risposta fir-rigward;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi n vista tal-premess, is-socjeta` rikorrenti pprovat it-talbiet kollha taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Tiddikjara li tipprocedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 fuq gia` riferiti;

8.2. Tikkundanna lill-intimati Victor u Rose Chetcuti fuq indikati biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti *High Spirits Limited* l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf tlett mija u tnax –il Ewro u dsatax –il centezmu, (€28,312.19), bilanc minnhom lilhom dovut ghall-oggetti tat-tabakk hekk mibjugha u kkonsenjati minn Awwissu, 2013;

8.3. Bl-ispejjez, kif dedotti mis-socjeta` rikorrenti, kontra l-imsemmija intimati.

.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------